MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 96/2006

**Tony Frendo 158588 (M) ezercenti fil-kummerc bhala “Spray It”**

**vs**

**Jesmond Sciberras 438965(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fl-24 ta’ Marzu, 2006 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta’ elfejn tlett mija u erbgha u sebghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm2374.16) rapprezentanti l-prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tieghu, skond l-invoices hawn annessi u mmarkati ”Dok TF 1” sa “Dok TF 12”.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittri Gudizzjarji numri 6475/05 u 127/06 u bl-imghaxijiet kummercjali dekoribbli b’effett mid-data illi fiha saret il-konsenja tal-merkanzija sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti mhux debitur fl-ebda ammont.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittri legali datati 19 ta' Awissu 2005 u 20 ta' Settembru 2005 u kif ukoll tan-nota maghmula fl-atti tal-ittra ufficjali numru 127/06.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni imqajjma mill-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu fejn dan ippreskriva favur tieghu l-Artikolu 2148(b) tal-Kap 16 li jiddekreta terminu ta' tmintax-il xahar ghall-azzjonijiet ta' kredituri ghal prezz ta' merkanzija, oggetti hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut. Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut gab argumenti sabiex juri li l-bejgh illi sar bejn il-partijiet kien wiehed bl-imnut u mhux bl-ingrossa.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-attur qieghed fin-negozju ghal bejgh taz-zebgha ghal karozzi u jidher li kien hemm relazzjoni kummercjali mal-konvenut li kienet tmur lura diversi snin. L-istess konvenut a fol 41 ighid li kellhom kont miftuh, ihallas kull xahar u li qatt ma hallas cifra fissa. Ix-xoghol

tieghu huwa ta' sprayer u jixtri z-zebgha sabiex jizboh il-karozzi tan-nies. Min nahha l-ohra l-attur a fol 26 ighid li l-kontijiet jirrizalu sa l-2002 u l-konvenut kien jixtri ammonti rregolari skond ix-xoghol li kien ikollu fi zmien partikolari. Gew esebiti diversi fatturi minn fol 2 sa fol 13. L-aktar fattura ricenti hija dik tat-12 ta' Settembru 2003. Ma giex esebit rendikont tal-pagamenti maghmula mill-konvenut u ghalhekk trid tiehu l-ahhar fattura, u cioe' dik tat-12 ta' Settembru tal-2003 bhala bidu tat-terminu kif imsemmi fl-artikolu 2148(b) tal-Kap 16.

Il-konvenut ghamel sew  meta huwa rrefera ghax-xhieda ta' l-attur meta hu stess jammetti illi *"the prices quoted in the invoices are a retail price less 10% discount"* (fol 29) kif ukoll l-ittra ufficjali tat-8 ta' Awissu 2005 illi *"din l-interpellanza qieghda ssir a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap 16"* quindi l-attur stess jammetti illi n-negozju li sar mal-konvenut kien wiehed bl-imnut u mhux bl-ingrossa, quindi t-terminu preskrittiv imsemmi mill-konvenut ghandu jghodd f'dan il-kaz. Il-Qorti taghmel referenza ghal-kawza <u>Balzan vs Chetcuti</u> (Vol XXXIV pt i pg 329) fejn inghad *"il-gurisprudenza taghna ma ghadhiex tammetti teorija li l-preskrizzjonijiet brevi huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagamenti; ghax il-gurament illi l-eccipjent jigi msejjah jiehu mhuwiex dak li huwa hallas, izda li mhux debitur, u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hi kompatibbli ma' eccezzjonijiet ohra li jwasslu ghal konsegwenza li l-eccipjent mhux debitur."*

Aktar ricenti hemm il-kawza <u>Korporazzjoni Servizzi Ilma vs Oil & Construction International Limited</u> deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fit-28 ta' April 2004 fejn il-Qorti qalet *"il-linja generali, huwa dotrinalment ricevut illi l-preskrizzjoni hi definita bhala mod ta' estenzjoni ta' dritt fejn il-fondament taghha hu rikondott ghar-rinunzja tacita da parti tat-titolar tad-dritt. Abbinat ma' din it-tifsira nghad ukoll illi l-esigenza ta' preskrizzjoni hi dik li tigi assikurata c-certezza tar-rapporti guridici."* Quindi ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni, z-zewg dati mportanti huma t-12 ta' Settembru 2003 id-data ta' l-ahhar fattura (fol 2) u d-data ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Awissu 2005. Bejn dawn iz-zewg dati l-perijodu preskrittiv imsemmi fl-artikolu 2148

(b) ghadda favur il-konvenut u issa l-attur ma jistax jirreklama l-ammont mitlub fl-avviz.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal bqija tal-gurisprudenza kkwotata mill-konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 u konsegwentement tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------